MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Numru. 23/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**CARMEL VELLA**

**Seduta ta' llum 15 ta' Jannar 2010**
**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **CARMEL VELLA** ta' tmienja w hamsin sena bin Edwin u Josephine nee Farrugia, imwieled il-Belt Valletta nhar l-erbgha ta' Dicembru 1947 u residenti 'Il-Gardjola', Triq San Pawl, Munxar, Ghawdex, jew 19, Triq Zurrieq, B'Bugia, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 1062047M gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli fil-Munxar, Ghawdex, nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2006 bejn s-sitta w nofs ta' filghaxija w t-tmienja ta' filghaxija, voluntarjament hassar, ghamel

hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira matlin ghad-dannu ta' Reggie u John Vella.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waddab gebel ghal istha, bjut, twieqi, bibien, btiehi, hitan ta' djar ta' haddiehor jew ta' bini iehor.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2007 [fol. 49] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza, tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta millverbal tas-seduta tas-sittax ta' Novembru 2009 [fol. 117].
Rat d-dokumenti kollha esibiti, fosthom zewg sentenzi moghtija mill-Magistrat Dottor Anthony Ellul nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2007 bhala Dok. 'Z' a fol, 79 kif wkoll sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2007 bhala Dok. 'Z 1' a fol.89, t-tnejn fil-konfront tal-imputat odjern,

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru 2009.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 2006 **xehed PS 187 Mario Cassar** [fol. 11] fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2006, ghal habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija kien gie msejjah imur fi Triq San Pawl, Munxar peress li kien hemm xi glied. Qal li meta mar fuq il-post hemmhekk sab lil imputat presenti fl-awla li ghamillu ndikazzjoni billi ppunta lejn ragel li kien fl-ewwel sular ta' bini fi stadju ta' kostruzzjoni kawzi *semi finished* u kien wara tieqa. Dan r-ragel qallu li l-imputat kien waqqghalu xi hajt. Zied jghid li l-imputat kien qallu li minn tieqa li ghandu fi *flat*

hemmhekk li tinsab fil-parti ta' wara tal-*flat*, hemm hajt mibni llegalment u l-i*stop notice* mill-MEPA giet injorata minn Giovann Vella. Qallu wkoll li l-imputat ghalhekk kien waqqa parti minnu. Ix-xhud kompla jghid li hu qal lil imputat jinzel minn fejn kien sabiex ikellmu u meta kellmu qallu, li Giovann Vella kien tefa' xi gebel lejn t-tieqa, kisser il-hgieg taghha u anke kkagunalu xi feriti fuq l-istonku tieghu. Qallu wkoll li kellu vettura pparkjata fit-triq liema vettura kellha n-numru ta' registrazzjoni BEL 306 u li John Vella kien ghamillu xi hsara estensiva fuqha bil-gebel li kien tefa'. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva bhala Dok. PL. Ix-xhud spjega li hu informa lil Ispettur b'dak li kien gara u sussegwentement l-imputat kien mar fuqu u qallu li ma kienx qed jipprotegi lit-tifel tieghu peress li l-mara tal-imputat kient marret biex issawwat lil ibnu. Qal li rrizultalu li l-mara tal-imputat u cioe Carmen Vella, kienet tiehu xi ritratti w it-tifel ta' Giovann Vella ttanta jehdilha l-camera tar-ritratti minn idejha u dan waqt li kien fil-kumpanija ta' certu Reggie Vella. Qal li Giovann Vella beda jmissu u jghidlu li ma kienx qed jaghmel xogholu u hu wissieh kemm il-darba biex ma jtellfux f'xogholu u li ma kellux triq ohra hlief li jordnalu li jekk ma jieqafx mill-agir tieghu, kien ser jarrestah, pero Giovann Vella baqa jimbuttah u jghid li ma kienx ghamel xogholu. Qal li dak l-hin qallu li kien ser jarrestah u qallu biex jidhol fil-karozza tal-pulizija kemm il-darba u wara diversi drabi, dahal. Qal li qabel ma dahal waqqa l-*mobile* tieghu mal-art u qallu 'ara x'ghamiltli, kissirtli l-*mobile*'. Ix-xhud kompla jghid li hu qallu biex ma jkomplix jaghmel dawk l-allegazzjonijiet nfondati u waqt li kienu sejrin lura l-ghassa, cempel il-*mobile* ta' Giovann Vella u dan qal lil dik il-persuna li kien taht arrest. Qal li dak l-hin Giovann Vella dar fuqu u hu (ix-xhud) qallu li kull kelma minn dak l-hin 'l quddiem kienet ser tingieb bhala prova u dan dar fuqu u qallu li hu ma kienx jahmlu w ghal darb'ohra hu (ix-xhud) rrepeta l-istess kliem li kien qallu qabel. Qal li hu wasslu fil-bitha tal-ghassa, u mar lura lejn il-Munxar u ha l-versjoni tal-fatti minghand l-imputat.

Zied jghid li dawn kellhom *digital camera* u l-imputat urieh xbieha ta' Giovann Vella b'bicca gebla f'idejh li kien ser jifta lejn il-karozza tieghu. Qal li hdejn il-karozza kien

hemm katina, *windscreen* u *bonnet* miksur u diversi gebliet. Qal li l-imputat dahal fil-*flat* tieghu u wireh l-parti tal-hajt li kien waqqa u qallu li kien ghamel fallakka minn naha ta' wara u cioe mill-veranda tieghu w irnexxielu jimbotta l-gebel ghal isfel mill-bitha.

Ix-xhud kompla jghid li hu nforma lil imputat li ma setghax jaghmel dan. Qal li wara mar lura l-ghassa tal-pulizija fejn sab lil Giovann Vella fil-bitha fejn kien hallih li kien ma ohtu Dottor Monica Vella u l-Ispettur George Cremona u talbu l-partikolaritajiet tieghu u l-karta tal-identita tieghu u Dottor Monica Vella taghtu n-numru u hu qalilha biex ma tindahalx u ma tghamilx x-xoghol tieghu aktar difficili, pero Giovann Vella baqa ma tahx la l-karta tal-identita tieghu u lanqas d-data tat-twelid tieghu, ghax qal li ma jiftakarhomx. Qal li sussegwentement Giovann Vella tela fuq mal-Ispettur biex dan jehodlu stqarrija. Qal li Giovann Vella ma kienx qallu min kien cempillu aktar kmieni. Mistoqsi jekk investigax l-allegazzjoni tal-imputat li kien hemm xi *stop notices* wiegeb li le, m'investigax. Qal li ma setghax jghid kienx bini llegali jew *stop notice*. Qal li hu agixxa jew ahjar qal dak li kienu qallu l-imputat. Zied jghid li meta wasal fuq il-post, u cioe fi Triq San Pawl, ma dahalx fil-proprjeta. Fuq domanda tad-difiza, jekk Giovann Vella qallux meta wasal li l-imputat kien ghadu qed jifta l-gebel, wiegeb li lilu ma qallux dan id-diskors, qallu biss li l-imputat kien waqqghalu l-hajt u hu lil imputat sabu jittawwal mit-tieqa ghat-triq. Qal li meta wasal ma setghax ikun li l-imputat baqa jitfa l-gebel ghaliex ma rahx fit-tieqa, ma kienx fil-parti ta' wara tal-*flat*. Qal li meta hu dahal biex jara jekk effettivament l-imputat waqqghax l-hajt jew le wara li kien ha lil Giovann Vella l-ghassa u rega' mar lura fuq il-post, ghal ewwel ma dahalx biex jara jekk effettivament l-hajt kienx imwaqqa jew le. Ikkonferma li mal-istonku u ma zaqq l-imputat kellu grif u demm.

Mistoqsi jekk setghax jikkonkludi minn fejn kien gie d-demm fuq iz-zaqq li kellu fuqu l-imputat, ix-xhud qal li kien hemm hgieg mal-art u gebel bid-demm wkoll mal-art. Qal li lilu l-imputat kien qallu li dawn kienu gew kagjonati mill-hgieg li tar meta Giovann Vella tefa' l-gebel. Qal lil l-imputat kien urieh l-fallakka li huwa uza biex waqqa l-hajt

ghal proprjeta ta’ Giovann Vella u wrieh wkoll kif ghamel hekk.

Mistoqsi ghaliex arresta lil Giovann Vella, ix-xhud wiegeb li peress li fixklu f’xogholu.  Qal li meta talab lil imputat jinzel minn fuq biex ikellmu, meta kienu fi Triq San Pawl, t-tnejn bdew jghollu lehinhom u lil imputat qallu biex jersaq minn nofs u dan warrab pero Giovann Vella baqa persistenti mieghu u beda jghid li ma kienx qed jipprotegilu lil ibnu.  Qal li hu kemm il-darba qal lil Giovann Vella biex ma joqghodx imissru pero xorta baqa jfixklu f’xogholu. Qal li l-versjoni tal-fatt minghand Giovann Vella ma setghax jehodha fuq il-post ghaliex ma hallihx w ghalhekk kellu jiehdu l-ghassa biex l-Ispettur jehodlu l-versjoni tal-fatti.  Spjega li meta hadu l-ghassa, ma poggiehx fil-lock up izda hallih fil-bitha tal-ghassa.  Qal li fil-fatt l-Ispettur u Dottor Monica Vella kienu hdejh fil-bitha.  Qal li jekk ma kienx sejjer zball hu kien informa lil Ispettur li Giovann Vella ma kienx arrestat.  Mistoqsi min kien hemm fil-bitha tal-ghassa ma Giovann Vella apparti l-Ispettur u Dottor Monica Vella, wiegeb li jekk ma kienx sejjer zball kien hemm PC 759 u forsi l-Ispettur Antonello Grech.

Mistoqsi jekk Dottor Moncia Vella kienetx qed tfixklu f’xogholu wiegeb li meta hu staqsa lil Giovann Vella ghal karta tal-identita tieghu, hu ppretenda li jwegbu Giovann Vella u mhux Dottor Monica Vella ghaliex kieku n-numru gie moghti lilu hazin, kien jista jattribwixxi dan t-tort lil Giovann Valle u lil hadd aktar.  Mistoqsi x’ghamel ghat-talba ta’ Giovann Vella biex jipprotegilu lil ibnu qal li dak l-kliem qalulu meta kien fuq t-telefona mal-Ispettur jghidlu x’kien qed jigri.  Qal li dak l-hin lilu rrizultalu l-kontra ta’ dak li kien qallu Giovann Vella.

Zied jghid li l-mara tal-imputat kienet qaltlu li fil-fatt kienu l-familjari ta’ Giovann Vella li ppruvaw jiehdu l-*camera* tar-ritratti minn idejh u kuntatt bejniethom ma kienx hemm, pero Giovann Vella qatt ma kien fil-perikolu ta’ xejn peress li hu kien qed jara x’kien qed jigri l-hin kollu.  Qal li fl-ebda bin m’ghamlet ghalih l-mara tal-imputat.  Qal li hu kien wissa lil mara tal-imputat biss biex ma tiehux aktar ritratti.

Qal li kienu l-familjari ta’ Giovann Vella li mxew fil-vicinanzi tal-mara tal-imputat li kienet xi ghoxrin metru boghod minn fejn kien il-bini ‘n kwistjoni. Mistoqsi kif hu l-post tal-imputat, wiegeb li dan hu *half finished*, tikhil ‘l hawn u ‘’ hemm peress li kien qed jaghmel l-istess xoghol hu stess. Qal li fil-proprjeta ta’ Giovann Vella ma dahalx pero l-hsara setgha jaraha ghaliex mill-proprjeta tal-imputat setgha jara l-hajt li waqqa l-istess imputat ghal gol-proprjeta ta’ Giovann Vella. Qal li hu ma dahalx fil-proprjeta ta’ Giovann Vella wkoll ghaliex dan beda jfixklu f’xogholu w ghalhekk kellu jiehdu l-ghassa. Qal li minn x’hin wasal fuq il-post w akkumpanja lil Giovann Vella l-ghassa m’ghaddewx aktar minn ghaxar minuti. Qal li Giovann Vella ma talbux jidhol fil-proprjeta tieghu. Ix-xhud qal li l-intenzjoni tieghu kienet biss li ma jfixklux f’xogholu u b’dan billi jmiss mieghu u jerga lura, jwaqqfu u jkompli jipprovokah. Qal li kien hemm pulizija iehor fuq il-post.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t’Ottubru 2006 **xehed PC 1402 Anthony Attard** [fol. 21] fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta’ Gunju 2006, ghal habta tas-sebgha w nofs ta’ filghaxija hu kien xoghol l-ghassa r-Rabat, bhala xufier u gie nfurmat biex imur l-Munxar peress li kien hemm xi glied. Qal li hu mar fuq il-post flimkien ma PS 187 Mario Cassar u meta mar fuq il-post kull ma ra kienet karozza bajda bil-hgieg taghha mkisser. Qal li fuq il-post kien hemm l-imputat presenti fl-awla u sussegwentement hareg ragel minn post bil-qmis imqatta qisha bid-demm fuqha. Zied jghid li PS 187 Mario Cassar qabad ikellem lil imputat u qalli li kien hemm xi kwistjoni dwar xi hajt li kien hemm bejn Giovann Vella, l-imputat u dik il-persuna li tfaccat f’tieqa. Qal li hu dakinhar ma hax dettalji. Zied jghid li PS 187 Mario Cassar qal lil Giovann Vella f’xi hin biex ma jtellfux fuq xogholu. Qal li hu kien ma gembu waqt li sar dan il-kliem. Zied jghid li f’hin minnhom semgha lil PS 187 Mario Cassar jghid lil Giovann Vella li kien ser jarrestah ukoll w ghalhekk Giovann Vella spicca akkumpanjat l-ghassa tar-Rabat minnhom. Ix-xhud stqarr li lil imputat hu ma rah jaghmel xejn. Zied jghid li meta PS 187 Mario Cassar rega’ mar fuq il-post, wara li hadu lil Giovann Vella l-ghassa, hu kien rega’ mar mieghu pero ma dahalx.

Mistoqsi mill-Qorti jekk rax xi gebel fil-karozza li kellha l-windscreen miksur, wiegeb li ra gebel u hgieg miksur fil-*windscreen* pero jekk kien hemm xi tghatin jew le, m'gharafx iwiegeb. Mistoqsi jekk rax xi hgieg tahtha, wiegeb li ma tax kaz. Kompla jghid li Giovann Vella qaghad bil-wieqfa quddiem PS 187 Mario Cassar u beda jiggestikola quddiem l-persuna ta' PS 187 Mario Cassar. Mistoqsi jekk rax lil PS 187 Mario Cassar miexi lura w 'l quddiem, wiegeb li ma jiftakarx. Ikkonferma li Giovann Vella kien qed jitkellem ma PS 187 Mario Cassar biex jghidlu x'kien gara.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 2006 **xehed John sive Giovann Vella** [fol. 23] fejn qal li li jiftakar li nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2006, kien cemplulu u qalulu li kien hemm persuna qed tkisser fil-post tieghu. Qal li ghalhekk hu mar l-Munxar u beda jisma hafna tifrik u beda jindirizza persuna li kienet qed tkissirlu l-post tieghu u jghidilha biex jieqaf. Qal li din il-persuna kif indunat li kien hu, beda jifta l-gebel fid-direzzjoni tieghu. Qal li din il-persuna kienet tlett sulari 'l fuq minnu u hu kien tahtu u setgha facilment jolqtu u baqa jisser u ma waqafx. Zied jghid li hu kien jahdem bhala bennej f'*farmhouse* indikat li tinsab fil-parti ta' wara tal-proprjeta tal-imputat. Qal li din tappartjeni lis-socjeta Island Farmhouses ta' liema socjeta hu direttur. Qal li f'din il-proprjeta kien hemm xi haddiema ta' socjeta ohra li hu direttur taghha li jisimha Gozo Development Company Limited. Spjega li dan il-hajt kien qed jinbena minn dawn il-haddiema u l-imputat kien fil-proprjeta tieghu meta huma kienu qed jghamlu dawn ix-xogholijiet u qatt ma qalilhom biex jieqfu w imbaghad telqu. Qal li dakinhar stess qabad u kisser l-hajt. Zied jghid li hu kien cempel lil pulizija pero dawn ma marrux fuq il-post.

Zied jghid li Reggie Vella huwa l-persuna li kienet ser tixtri din il-*farmhouse* fejn kienu qed isiru x-xoghlijiet. Kompla jghid li hu kien cempel lil Reggie Vellaq u dan mar fuq il-post u cempel lil Ispettur u dan tal-ahhar kien baghat l-pulizija fuq il-post. Zied jghid li kif mar l-pulizija u kien ser ikellmu, l-imputat ghamillu sinjal lil pulizija u dan mar ikellmu. Zied jghid li wara mar biex ikellem lil PS 187 Mario Cassar u qallu li hu kien cempillu u li l-imputat kien

qed ikisser l-post tieghu, pero s-surgent qallu biex joqghod kwiet ghax kien ser jarrestah u qallu biex jidhol ‘l gewwa.  Qal li ghalhekk hu qabad u dahal fil-karozza peress li kien arrestat. Ikkonferma li ma dahalx mill-ewwel ghaliex s-surgent ma qallux mill-ewwel.  Kompla jghid li s-surgent kien qallu li dak kollu li ser jghid ser jingieb bhala prova.  Qal wkoll li li s-surgent kien qallu li kull ma kien ser jghid kien ser ikun kontra tieghu w ghalhekk ma qal xejn aktar.  Qal li dakinahr il-mara tal-imputat bdiet tiehu xi ritratt u meta gibed l-attenzjoni ta’ PS 187 Mario Cassar, dan wiegbu fis-sena li kellha dritt tehodhom.  Zied jghid li xi hin l-mara tal-imputat mart ghat-tifel tieghu waqt li hu kien xi mitt metru boghod u dak il-hin hu dar fuq s-surgent u qallu biex imur jipprotegi lil ibnu u x’hin qallu hekk, dar ghal fuqu, habat mieghu u waqa fuqu waqt li kellu l-*mobile* fuqu.  Qal li dak  l-hin u qal lis-surgent li kien haseb li kissirlu l-*mobile* pero meta gabru mill-art sab li ma kienx miksur u s-surgent dak l-hin qallu ‘*issa ser tallega li kissirtlek l-mobile*’ u talbu jidhol fil-karozza u hadu l-ghassa.  Qal li sadanitant, cempillu xi hadd fuq il-*mobile* u qalulu li l-imputat kien ghadu jkisser u hu baghat lil haddiema tieghu biex ma jhallux lil imputat ikompli jkisser. Cahad dak li allega l-imputat li hu kissirlu l-karozza tieghu. Qal li l-imputat kien ghad kemm kellu xi jghid ma ta’tahtu ghax kissirlu r-rampa u kien ghalhekk li kien qed isir l-access tal-Qorti.  Qal li hu ma kienx jaf min kisser l-karozza tal-imputat.  Zied jghid li l-imputat beda jitfa l-gebel bl-amment.  Qal li hu, fl-ebda hin ma tefa’ gebel ghalkemm refa’ l-gebel sabiex meta jittawwal, jurih li kien ser jitfaghhom, pero fil-fatt qatt ma tefa’ gebel.

In kontr’ezami, qal li x’kien qallu x’kien qed jaghmel dan irrispondih li l-avukat kien baghtu u l-ghada kien ircieva mandat biex ma jibnix.  Qal li dan l-mandat ma kienx gie milqugh.  Ix-xhud esibixxa tmien ritratti tal-hsarat li l-imputat kien ikkagunalu fuq il-proprjeta Island Farmhouses Limited u wiehed minnhom u cioe dak immarkat bhala Dok. S, jindika l-gebel li waqqa l-imputat. Esibixxa wkoll ritratti iehor bhala Dok. S 1, li juri l-gebel li waqt kif wkoll l-iscaffolding li kien hemm wara l-hajt. Esibixxa wkoll tlett ritratti bhala Dok. S 2, S 3 u S 4, li huma l-i*scaffolding* li kien hemm wara l-hajt li

effettivament waqqa l-imputat, filwaqt li Dok. S 6, huwa l-fetha li l-imputat waqqa, il-gebel fil-hajt ritratt S 7 juri l-gorbogg ta' gebel li effettiamaent kien hemm wara li waqa l-hajt, u S 8, juri l-i*scaffolding* u l-gebel li waqa. Dwar l-allegazzjoni li l-imputat jghid li l-hajt inbena fuq proprjeta tieghu, x-xhud qal li dan ma kienx minnu u tant mhux veru li l-imputat kien ghamel mandat t'inibizzjoni fejn kien allega li hu, ix-xhud, kien bena dan il-hajt fuq proprjeta tieghu u cioe tal-imputat, u kien tilfu. Qal li l-imputat kellu jhalli ghaxar piedi bhala bitha w effettivament ma helix dawn l-ghaxar piedi. Qal li effettivament l-hnejja li kien hemm protetta mill-MEPA waqqaghha l-imputat bil-hajt li waqqa. Meta gie muri l-istima esibita bhala Dok. CSH 2, ix-xhud qal li din hija stima mahruga minnu w ikkonferma l-kontenut taghha. Qal li s-surgent lilu kien arrestah meta kien qed jaghmel r-rapport sabiex l-imputat ma jkomplix ikisser w effettivament s-surgent kien arresta lilu waqt li l-imputat kien qed ikisser.

Illi nhar l-ewwel ta' Novembru 2007 **rega' xehed John Vella** [fol. 67] fejn esibixxa stima tal-hsarat li hu sofra kagun ta' dan l-incident li giet immarkata bhala Dok. Z a fol 68 tal-atti.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 2006 **xehed Reggie Vella** [fol. 27] fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2006, hu kien xoghol fir-*restaurant* tieghu u Giovann Vella kien sejjahlu peress li hu u cioe x-xhud kien ser jixtri proprjeta minghandu bhala residenza tieghu u qallu biex imur fuq l-post peress li l-garr kein qed jaqla xi hajt. Qal li hu kien mar fuq il-post u ra xena xejn felici li hasditu hafna. Qal li mieghu kien hemm Giovann Vella w ibnu. Qal li l-imputat presenti fl-awla, dak l-hin kien qed jitfa l-gebel minn fuq il-bejt. Qal li dak l-hin hu sejjah lil pulizija pero dawn damu ma marru u ghalhekk cempel lil Ispettur Antonello Grech fuq il-*mobile* biex jibghat lil xi hadd mill-ghassa u dawn damu nofs siegha ohra biex marru. Qal li hu kien qabad u telaq bil-karozza biex jara jsibx xi pulizija u sabu on the way. Qal li x'hin waslu l-pulizija nizlu mill-karozza u bla ma raw x'kien gara arrestaw lil Giovann Vella. Qal li hu dak l-hin baqa xxukkjat ghaliex ma setghax jifhem ghal liema raguni ma rawx x'kien qed jigri fuq il-post. Qal li hu

kien sejjah lil Dottor Monica Vella u qalilha li Giovann Vella kien spicca arrestat biex hi tara x'setghet taghmel minn naha taghha. Ix-xhud qal li hu ra l-hajt imwaqqa fil-proprjeta ta' Giovann Vella. Qal li meta ra li Giovann Vella spicca arrestat, haseb li l-kwistjoni kienet spiccat hemmhekk. Kompla jghid li hu rega' mar fuq il-post u hemm kien hemm haddiem ta' Giovann Vella li qallu li l-imputat kien ghadu kif waqqa l-hajt u wara kien mar n-naha tal-Andar biex jara x'kien qed jigri u ra lil imputat li kien qed iwaqqa l-hajt b'fallakka minn gol-proprjeta tieghu. Qal li ghal darb'ohra cempel lil Dottor Monica Vella u qalilha li kien ghadu jwaqqa l-gebel l-imputat. Qal li sussegwentement mar pulizija iehor mar-residenza tal-imputat waqt li l-imputat kien ghadu jwaqqa l-parti ta' wara hajt li baqa hdejn il-bieb fuq in-naha l-ohra. Ix-xhud esibixxa tlett ritratti mehuda minnu bhala Dok. ABC li juri l-hajt li twaqqa mill-imputat u l-fallakka li l-imputat uza biex waqqghu. Mistoqsi jekk hu kienx xtara l-proprjeta 'n kwistjoni, wiegeb li kien ghadu ma xtrahiex ghaliex bezgha mill-agir tal-imputat. Qal li hdejn din il-proprjeta hemm sqaq u kull darba li huma kienu jkunu ser jidhlu f'din il-proprjeta, ra lil imputat jitfa xi gebel. Qal li l-imputat dakinhar deher irrabbjat hafna. Mistoqsi jekk rax xi demm jew grif fuqu, wiegeb li ma jiftakarx li ra. Mistoqsi jekk dahalx fil-proprjeta li kien bi hsiebu jixtri wara l-incident, wiegeb li dahal. Qal li hemm kien hemm *scaffolding* mifqugh u gebel u stat ta' hsara u l-hajt imwaqqa.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2007 **xehed Mario Buttigieg** [fol. 52] fejn ghan-nom ta' Gasan & Mao Insurance qal li dinl-istess socjeta kienet ghamlet *survey* fuq vettura bin-numru ta'registrazzjoi BEL 306 fejn irrizulta li l-hsarat f'din l-vettura kienu jammontaw ghal circa elf u tmienja w tmenin lira maltin. Ix-xhud esibixxa dan is-*survey* bhala Dok. Z.

Illi nhar l-ewwel t'Awwissu 2008 **xehdet Mary Jane Attard** [fol. 78] fejn ghan-nom tad-Direttur tal-Qorti esibiet zewg sentenzi moghtija mill-Magistrat Dottor Anthony Ellul nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2007 bhala Dok. 'Z' a fol, 79 kif wkoll sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti

nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2007 bhala Dok. 'Z 1' a fol.89, t-tnejn fil-konfront tal-imputat odjern.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2009 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol. 103] fejn esibixxa sitt ritratt fuq tlett faxxikoli bhala Dok. 'X' a fol 104. Zied jghid li l-proprjeta ta' John Vella ma hiex abitata fil-fatt u li minn dakinhar sa llum, ma saru ebda xoghlijiet.

Ikkunsidrat:

Illi huwa d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-elementi kollha tar-reat li hija takkuza bniedem bih. F'dan il-kaz primarjament l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bir-reat ta' hsara volontarja aggravat bil-valur kif dispost fl-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-pulizija ressqet diversi xhieda sabiex tipprova l-akkuza migjuba minnha. L-ufficjali tal-pulizija li investigaw il-kaz ikkonfermaw li l-imputat qabad u waqqa' hajt li kellu divizorju mal-bitha tal-allegat vittma. Il-pulizija qalet li meta tkellmet mal-imputat, dan ikkonferma maghha li verament kien tefa' il-hajt ghal iksfel anzi spjega kif effettivament kien ghamel hekk u cioe li kien imbotta l-hajt lura permezz ta' fallakka bil-gallerija tieghu. Fortunatament wara dan il-hajt dak il-hin, ma kien hemm hadd ghaliex kieku l-effett setgha kien disastruz.

L-imputat xehed f'dawn il-proceduri u ma nnegax dak li kien qal lill-pulizija a tempo vergine tal-incident. Qal pero li dakinhar l-vittma kien tefghalu hafna gebel ghal fuq il-persuna tieghu u fuq il-vettura tieghu wkoll.

Illi hawnhekk huwa biss l-imputat odjern li huwa akkuzat w ghalhekk din il-Qorti trid tifli l-provi fil-konfront tieghu.

Illi dak li allegat l-prosekuzzjoni ma giex kontestat minn hadd. Anke x-xhud indipendenti li kien bi hsiebu jixtri il-proprjeta ta' John Vella, kkonferma li dakinhar l-imputat qabad u tefa' l-hajt lura bir-rizultat li dan waqa' fil-proprjeta ta' John Vella, Ikkonferma li pero f'dan il-process inkisret arkata antika li kien hemm fil-proprjeta in vendita.

Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll stima tal-hsarat u cioe dik esebita minn John Vella a fol. 10 immarkata bhala Dok. CSH 2 datata hamsa w ghoxrin (25) t’Ottubru 2006. Din l-istima giet redatta minn GV Gozo Developments Co. Ltd u tindika li l-hsarat jammontaw ghal sitt mija hamsa w ghoxrin lira maltin (LM625).

Illi d-difiza sostniet li din il-Qorti m’ghandhiex tiehu konjizzjoni ta’ din l-istima ghaliex is-socjeta GV Gozo Developments Co. Ltd tappartjeni lil-vittma John Vella w ghalhekk ma hiex dokument indipendenti.

Illi din il-prova u cioe lil min tappartjeni s-socjeta ma tirrizultax fl-atti u l-Qorti hija tenuta taghti kaz tal-provi prodotti li ghandha quddiemha. In oltre huwa fatt ben maghruf li s-socjeta hija entita separata u distinta mis-sidien taghha.

Illi di piu, meta l-imputat xehed viva voce, huwa ma cahadx il-*quantum* tal-hsarat u fil-fatt lanqas biss ghamel referenza ghad-danni minnu kagunati.

Illi ghalhekk, din l-akkuza tirrizulta ppruvata b’mod sodisfacenti.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif disposta fl-artikolu 339(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe talli waddab il-gebel fil-btiehi ta’ terzi persuni.

Ma hemmx dubbju li din tirrizulta ‘n vista ta’dak kollu li ntqal aktar ‘l fuq, pero issib li din il-kontravenzjoni hija nkorporata fir-reat ta’ hsara voluntarja u dan ghaliex il-hsara voluntarja saret wara li l-imputat waddab il-gebel fil-bitha ta’ John Vella.

Ai fini ta’ piena. l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti minn fejn jirrizulta li fiha hemm biss registrat li instab hati ta’ zewg kontravenzjonijiet fis-sena 1977 u kien gie kkundannat ihallas multa ta’ hames liri maltin (LM5) kull okkazzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti thoss li ghandha titratta mal-imputat daqslikieku kien *a first time offender*.

Mill-banda l-ohra pero, l-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat kien rizultat t'agir kundannabbli w irrisponsabbli ghal ahhar w ghalhekk thoss li ghandha timponih bil-ghan li ma jergax jirrepeti incident iehor simili bhal dan.

L-imputat ghandu jirringrazzja lil Alla Divin li r-rizultat t'ghemilu ma wasalx ghal xi telf ta' hajja ta' bniedem.

**Ghaldaqstant,** wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 325 u 339(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed ssib lil imputat CARMEL VELLA hati tal-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' hames mitt euro (€500).**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali bil-ghan li din il-multa tingabar minnufih.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------